MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Numru. 683/2011

**Illum, 13 ta’ Mejju 2013**

**Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)
(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**Ian Grech**

Kumpilazzjoni Nru: 683/2011

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ian Grech, ta’ 36 sena, iben Saviour u Mary Grace nee’ Grech, imwieled l-Imtarfa, fit-3 ta’ Awissu, 1974 u residenti fil-fond ‘Eastline Court’, Flat 3, Triq il-Gidwed, Marsaskala, u detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 336074M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Mejju, 2011 u fix-xhur ta' qabel:

1. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku u in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigali jew weghda jew offerta' ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel.
2. U aktar talli huwa rrenda ruhu bhala recediv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
3. U aktar talli barra minn dan, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga jew impjieg tieghu ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li peremzz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 49, 50, 115(b)(c) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u cioe dik dwar recidiva.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum ukoll l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni kien hemm qbil bejn il-partijiet li fil-fehma taghhom sentenza ta' prigunerija sospieza kienet tkun wahda idonea fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami.

Illi l-fatt li l-partijiet qedghin jaqblu dwar x'piena tista' tinghata mill-Qorti ma jfissirx li l-Qorti hija b'xi mod tenuta teroga dik il-piena. Il-Qorti ghandha tezamina l-fatturi kollha relevanti ghal dan il-ghan u, a bazi ta' dak li tipprovdi l-Ligi u l-gurisprudenza, tasal hi ghall-konkluzzjoni taghha dwar il-piena li ghandha tigi erogata; il-qbil bejn il-partijiet, u r-ragunijiet li fuqhom skond il-partijiet huwa bazat dan il-ftehiem, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biss bhala wiehed mill-kumpless ta' fatturi li trid tiehu in konsiderazzjoni l-Qorti.

Illi jibda biex jinghad li l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-piena prevista mill-Ligi ghar-reati in ezami f'l-intier taghha; fil-kaz in ezami hemm stabbilit perjodu ta' prigunerija, l-interdizzjoni generali perpetwa mandtarja, kif ukoll il-konfiska tar-rikavat u l-impozizzjoni ta' multa ai termini tal-artikoli 23A u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla dubbju l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju dwar is-serjeta ta' dawn ir-reati. Min-naha l-ohra l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li c-cirkostanzi tal-kaz ma jindikawx li l-imputat huwa xi persuna perikoluza jew li huwa probabbli li ser jerga jikkommetti reat iehor. In oltre l-imputat, li kkoopera bi shih f'l-investigazzjoni f'dan il-kaz

u issa ser jitlef l-impieg tieghu, iddikjara sa' mill-bidu ta' l-investigazzjoni li huwa lest li jrodd lura dak li ha.

Ghal dawn il-motiv l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, wara li rat l-artikoli 115(b)(c) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 119 tal-Kaptiolu 9 qed tordna fil-konfront ta'l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa; in oltre b'applikazjoni ta' l-artikoli 23A u 23B ta'l-istess Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta' sitt mija u sebghin Euro (€670) u tordna l-konfiska tas-somma ta' mija u tlettin Euro (€130) depozitati f'l-atti processwali; il-hlas tal-multa ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------